

Brussell, 23 ta' Jannar 2023
(OR. en)

5426/23

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0383(NLE)

JAI 52
COPEN 13
CYBER 6
ENFOPOL 26
TELECOM 5
EJUSTICE 1
DATAPROTECT 7

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	14614/21 + ADD 1 + ADD 2
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza r-ratifika, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, tat-Tieni Protokoll għall-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità dwar kooperazzjoni msaħħa u żvelar ta' evidenza elettronika. – Adozzjoni

1. Fis-6 ta' Ġunju 2019, il-Kunsill adotta d-deċiżjoni li tawtorizza lill-Kummissjoni biex, fisem l-Unjoni, tipparteċipa fin-negozjati tat-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità dwar kooperazzjoni msaħħa u żvelar ta' evidenza elettronika ("il-Protokoll").
2. L-għan tal-Protokoll huwa li jipprovdi regoli komuni fil-livell internazzjonali għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar iċ-ċiberkriminalità u tal-ġbir ta' evidenza f'forma elettronika għal investigazzjonijiet jew proċedimenti kriminali.

3. It-test tal-Protokoll ġie adottat mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fis-17 ta' Novembru 2021 u nfetaħ għall-iffirmar fit-12 ta' Mejju 2022.
4. Fil-25 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill:
 - a) Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, it-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità dwar kooperazzjoni msaħħa u żvelar ta' evidenza elettronika (14612/21 + ADD 1)
 - b) Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, it-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità dwar kooperazzjoni msaħħa u żvelar ta' evidenza elettronika (14614/21 + ADD 1 + ADD 2)
5. Fil-laqgħa tal-COPEN dwar l-Evidenza Elettronika li saret fil-11 ta' Marzu 2022, id-delegazzjonijiet qablu dwar it-test tad-Deċiżjonijiet proposti tal-Kunsill, b'xi modifiki. It-testi li rriżultaw minn din il-laqgħa jinsabu fid-dokumenti 6791/22, 6792/22, 6793/22 u 6795/22.
6. L-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew hija prekundizzjoni għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni li tawtorizza lill-Istati Membri jirratifikaw il-Protokoll. Il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu fis-17 ta' Jannar 2023 (P9_TA(2023)0002).
7. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u soġġett għall-konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:
 - jadotta d-deċiżjoni li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Protokoll imsemmi, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokumenti 6438/22 + ADD 1 u 14898/21.